**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

**26 ta' Jannar 2023**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023 fil-4:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 54 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **54.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **54.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 54.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 53, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill- kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u ġew issekondti mill-kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar |
| **54.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 54.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li rċieva imjelillum 26 ta' Jannar 2023 minn għand is-Sur Anthony Attard Chief Officer mil-wsc sabiex jinfurma lis-sindku li fi Triq D'homedes hemm problemi tad-dranaġġ u dawn ma kpmplewx ix-xogħol għax kellhom ħafna problemi mar-resident minħabba is-saħħa u sigurta, fl-imejl kien hemm miktub li kif ikollhom id-direttiva li jkomplu x-xogħol il-wsc jerġgħu iqabbdu l-kuntrattur sabiex ikompli ix-xogħol fi Triq D'homedes. |
| 54.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li saret laqgħa tas-sindki tal-kottonera mal-Ministru Onor. Michael Sapiano u s-sur George Douglas tal-General Soft Drinks għaliex hemm xi fondi dwar il-ġibjuni tal-kottonera sabiex jiġi diskuss dan is-suġett. Is-Sur Steve Mallia li kien kiteb ktieb dwar dawn il-ġibjuni sabiex jintużaw għall-ilma tax-xita. Is-sinkdu ġabar xi informazzjoni dwar il-ġibjuni tal-Isla għal daqs tant ser jiltaqgħu fit-30 ta' Jannar 2023. |
| 54.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li it-twinnig bejn L-Isla u Karpos sar l-iffirmar u s-sindku preżenta iċ-ċertifikat it-timbrat u iffirmat bejn iż-żewġt ibliet kemm mis-Sindku ta' Karpos u s-Sinkdu tal-Isla. Għalhekk issa ser issir l-iskambju u delegazzjoni minn Karpos ser jiġu ġewwa l-Belt tal-Isla bejn l-20 u l-24 ta' Frar 2023 sabiex ikun mistiedna għall-attivitajiet tal-Karnival. Id-delegazzjoni ta' Karpos ser tkun komposta minn erba' membri, is-sindku Is-Sur Stevco Jakimovski, Chief Officer Ms. Violeta Mihajlovska, Konsulet għall affarijiet internzzjonali is-Sur Robert Jankovski u s-Sinjura Aleksandra Teova Kap tal-iżvilupp ta' l-affarijiet barranin. Il-Kunsill ser iħallas għall akkomodazzjoni u l-ikel u id-delegazzjoni ser tħallas il-biljetti tal-ajru.<br><br>Il-Kunsill tal-Isla iltaqa' wkoll mas-Sindku ta' Cair is-Sur Visar Ganiu sabiex issir ġemellaġġ mal-belt ta' Cair fi Skopje f' Macedonia. Is- |

| | |
|---|---|
| | Sindku ta' Cair laqa' d-delegazzjoni tal-Kunsill tal-Isla u ġie diskuss l-iskambji li jistgħu jitwettqu bejn iż-żewġ t'ibliet dik ta' Cai u tal-Isla, għalhekk id-delegazzjoni tal-kunsill tal-Isla ġiet mistiedna sabiex niffirmaw ftehim ta' ġemelaġġ bejn Cair u L-Isla fit-23 ta' Marzu 2023. |
| 54.03.04 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li kellu laqgħa mal-kuntrattur ta' triq Sant Anġlu u mal-perit dwar ix-xogħol li sar f'din it-triq. Il-Perit iċċertifika parti mix-xogħol ta' Triq Sant Anġlu iżda l-kunsilliera qablu li l-kuntrattur jitħallas wara li l-kuntrattur jirranġa t-taraġ ta' Triq Sant Anġlu fejn inqala sabiex jittranġaw katusi minn naħa tal-WSC. Il-Perit iċċertifika ix-xogħol ta' taħt il-pavimentar u mhux il-pavimentar. |
| 54.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fl-1 ta' Frar 2023 l-avukat Dr. Mark Muscat ser jidher għall-Kunsill Lokali tal-Isla dwar xhieda tal-proġett tal-Aum. |
| 54.03.06 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li s-sinkdu tal-Birgu is-Sur John Boxall bagħt imejl sabiex jiltaqgħu is-sindki tal-kottonera u l-Onor Alison Zerafa Civelli u l-Onor Owen Bonnici sabiex jiddiksutu dwar l-attivitajiet ta' l-aħħar tas-sena. |
| 54.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li bagħat il-mappa tal-Gardjola lis-Sur Gabriel Aquilina mill-Era u is-Sur Matk John Pace u lis-Sinj. Nadine Farrugia mil-ERA sabiex jieħdu ħsieb il-Ġnien tal-Gardjola. |
| 54.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa ġewwa l-Era minħabba il-problemi tat-tibdil tal-iskart mar-Reġjun Port. L-Isla ma kienx hawn ħafna problemi, l-unika problema kienet li l-impjegat tal-kuntrattur beda jitlob il-flus lil tal-ħwienet ta' Triq Il-Vitorja biex jinġabrilhom il-kuntrattur, iżda din ġiet solvuta u l-kuntrattur skuża ruħu u l-kartun tal-ħwienet ta' Triq il-Vitorja ser jinġabar normali sa l-aħħar ta' Frar 2023 . |
| 54.03.09 | Is-Sindku ta' update lil kunsilliera dwar il-ktieb li ser jiġi ippublikat dwar ir-riċerka tal-personaġġi mill-Isla li għandu madwar 450 paġna.. Is-Sur Fabiana Mangion waslitlu l-ewwel kopja sabiex wara l-approvazzjoni tal-Kunsill jiġi ippubblikat f' Marzu. |
| 54.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fis-17 ta' Frar ser issir programm minn Noel Castillo żfin tal-karnival min Nejna Carnival mis-7.00 pm sal-11.00pm fi Pjazza 4 ta' Settembru. |
| 54.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsillier li l-parkeġġ tad-daħla tal-Isla ser jinfetaħ minn nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar għall pubbliku u bil-madum stess hemm immarkat l-ispazji tal-parkeġġ. Ġie diskuss li jekk ma jkunx hemm gwida kif jidher l-ispazju tal-parkeġġ issiru indikazzjoni b'marki |

| | |
|---|---|
| | bl-i*stain less steel*. Dan il-parkeġġ ser jaqa' f'idejn il-kunsill tal-isla bħat-toroq l-oħra.Tal-Go qed jagħmlu tlett trinek quddiem il-Mina tad-daħla tal-Isla u qed ikomplu jlestu l-pavimentar ta' Pjazza George Mittorvich u jkomplu fejn l-iskola primarja tal-Isla. |
| 54.03.12 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għal-laqgħa mal-Infrastructure Malta dwar it-toroq li l-kunsill tal-Isla jaħseb li għandhom issiru ġodda, iżda kif konna hemm rajna li l-WSC applikaw li għandhom xi xogħol xi jsir fi tmien toroq għalhekk irridu nagħtu feed back fil-laqgħa fil-21 ta' Frar 2023 mas-Sur Riolo, Is-Sur Sean Agius, is-Sur Josef Debono, is-Sur Anthony Tanti u s-segretarju tal-Onor Miriam Dalli sabiex jaraw li x-xogħol tal-wsc ma jsirx wara li jitlesta' x-xogħol tal-Infrustructre Malta.<br><br>Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellem lil WSC sabiex it-tappieri tal-ilma li saru fi Triq Sant Anġlu jsiru bi frame tal-ħadid u jiġi bil-pavimentar bħat-triq fi Triq Sant Anġlu. |
| 54.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li x-xogħol fi Triq il-Vitorja waqaf minħabba d-dipartiment tal-arkeoloġija w informa wkoll lill-kunsillier li l-arċipriet avviċina lis-sindku biex jara kif ser ikun ix-xogħol fi Triq il-Vitorja minħabba l-Ġimgħa l-Kbira iżda infurmaħ li ma jafx kemm ser iddumu minħabba ir-riċerka minnn naħa tal-arkeoloġija. |
| 54.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-erbgħa 24 ta' Jannar 2023 is-sinkdu kellu laqgħa mal-Community Police, is-Supretendent s-Sur Trevor Micallef, Marc Cremona mill-Community Police u s-Sur Martin Bajjada minn naħa tal-Lands u is-Sur Ernest u s-sindki tal-kottonera u żewġ social workers. Ġie diskuss l-enforcement tal-imwejjed u siġġijiet fix-xatt għaliex tal-Lands qalu li bagħtu jinfurmaw lil-kunsill iżda is-sindku qal li qatt ma rċieva imejl dwar dan għaliex is-sindku qal li ġie infurmat dakinhar stess mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia għaliex dak il-ħin kien ix-xatt. |
| 54.03.15 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li l-applikazzjoni li l-kunsill kien applika dwar il-fondi għall Innovaty technologies ġiet aċċetata u għalhekk flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellu laqgħa mas-Sur Adrian dwar kif ser taħdem din is-sitema ta' bollards sabiex jingħalaq ix-xatt u tkun miftuħa biss bin-number plates għal residenti li joqgħodu ix-xatt u garaxxijiet li jinstabu fix-xatt. Is-Sindku issuġġerixa li jagħmel laqgħa mas-sidien tal-ħwienet. Il-Kunsill jagħti in-numri tal-vetturi tar-residenti, sidien ta' garxijiet u ħwienet f' Xatt J.B. Azopardo u n-numri kollha tal-vetturi ta' emergenza bħall Ambulanzi, Fire Engine, Puluzija eċċ lil min jieħu ħsieb din is-sistema sabiex ikunu jistgħu jinfetħu l-bollards għal dawn il-vetturi biss. |

| | |
|---|---|
| **54.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall-attenzjoni tas-Sinkdu u s-segretarju eżekuttiv:<br><br>Kif baqa l-kunsill dwar il-Cat Shelters ?<br><br>Is-Sindku irrisponda li r-Reġjun Port għadhom qed jiżbgħu dawn il-Cat Shelters. |
| **54.5** | **Rapporti** |
| 54.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl.Is-segretarju Eżekuttiv spjegat li l-pożizzjoni finanzjarja tinsab f'istwazzjoni pożżittiva. Ir-Rapport Finanzjarju tar-raba' kwart ġie approvat mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u il-kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar. |
| 54.5.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal-estimi finanzjarji għas-sena 2022. Il-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u l-kunsilliera s-Sinjorina Corinne Buhagiar approvaw l-estimi finanzjarji għas-sena 2022. |
| 54.05.03 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Diċembru 2022u l-Petty Cash ta' Diċembru 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-kunsillier Malcolm Gatt. |

| | |
|---|---|
| **54.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 54.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 01/2023 fejn intbgħatet permezz ta’ imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mil-kunsilliera Corinne Buhagiar u l-kunsillier Malcolm Gatt. |
| **54.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 54.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-6:00pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta’ Frar 2023 fl-4:00p.m |

Konfermati, illum 23 ta’ Frar 2023

IFFIRMATA____________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_______
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv